**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Lulju, 2019**

**Rikors nru: 31/18 AGV**

**AB**
**Vs**
**Kuraturi Deputati ghal CDE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fid-9 ta' Frar, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, fid-29 ta' Lulju, 2012 twieldet il-minuri FB u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. DA1.

2. Illi l-kontendenti kienu jirrisjedu flimkien gewwa l-fond bin-numru 23 Kestrel, Triq il-Kartocc, Swieqi, flimkien ma' binthom FB.

3. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti giet terminata wara li l-istess intimata CDE (Residence Documentation 0061548A) abbandunat id-dar fejn kienu qed jirrisjedu stante li reggghet marret lura lejn pajjizha, bil-konsegwenza li abbandunat ukoll lill-minuri FB u ghaldaqstant il-minuri baqgghet tghix hawn Malta mar-rikorrenti.

4. Illi sa minn mindu l-intimata abbandunat lill-minuri, kien dejjem ir-rikorrenti li ha hsieb il-kura tal-minuri, is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, il-manteniment tal-minuri u dak kollu li tirrikjedi l-istess minuri.

5. Illi sahansitra r-rikorrenti qatt ma ppercepixxa manteniment ghall-minuri FB minghand l-intimata CDE (Residence Documentation 0061548A).

6. Illi permezz ta' ittra datata 23 ta' Gunju, 2017 (ittra Nru. 872/2017) inbdiet procedura ta' medjazzjoni u permezz ta' digriet datat 11 ta' Dicembru, 2017 (Dok. DA 2) din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lir-rikorrenti sabiex jipprocedi b'kawza prevja konferma tal-ittra bil-gurament u prevja n-nomina tal-kuraturi deputati ghall-assenti, jekk ikun il-kaz.

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

8. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddeciedi illi:-

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri FB esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u tordna li r-residenza tal-minuri FB tkun mar-rikorrenti.

2. Tiddetermina u tiffissa granet u hinijiet li fihom l-intimata ghandha tinghata access fil-konfront tal-minuri FB u taghti dawk l-ordnijiet li

din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun relattivament ghall-ezercizzju tal-access da parti tal-intimata in rigward tal-minuri FB.

3. Tiddetermina u tiffissa ammont ta' manteniment ghall-minuri FB skond il-bzonnijiet u fl-ahjar interess tal-istess minuri u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u awmentat kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.

4. Konsegwentement, tordna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-manteniment hekk determinat u ffissat minn din l-Onorabbli Qorti ghall-istess minuri, liema manteniment ghandu jithallas lir-rikorrenti permezz ta' standing order jew bi kwalunkwe modalita' ohra deciza minn dina l-Onorabbli Qorti u tordna li tali manteniment ghall-minuri jibqa' jithallas sakemm l-istess minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena jew inkella tibda tahdem full-time (skond liema minnhom tigi l-ewwel) u f'kaz li l-minuri tkompli tistudja full-time wara li taghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena, sakemm taghlaq l-eta' ta' 23 sena jew tikkonkludi l-istudji taghha (skond liema minn dawn tigi l-ewwel).

5. Tordna lill-intimata sabiex thallas nofs l-ispejjes tal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri FB.

6. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex wahdu u minghajr il-htiega tal-firma tal-omm ikun jista' f'kull zmien japplika wahdu ghall-hrug tal-passaport tal-minuri u wahdu jirtirah, filwaqt li tordna li tali passaport tal-minuri ghandu jinzamm mir-rikorrenti.

7. Tawtorizza lir-rikorrenti ssiefer lill-minuri barra minn Malta minghajr il-kunsens tal-omm.

8. Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-Kuraturi Deputati li eccepew:-

1. Illi mhumiex edotti mill-fatti.

2. Illi jekk jirrizulta li l-omm telqet minn Malta huwa fl-ahjar interess tal-minuri li t-talbiet jintlaqghu.

**FATTI**

1. Fis-sena 2010, l-attur kien iltaqa’ mal-konvenuta u sentejn wara kellhom tifla FB. Fis-sena 2017, kienet giet omm il-konvenuta u ghexet maghhom ghal xi xahrejn u telqet u ftit wara telqet ukoll il-konvenuta u dan kien fl-14 ta’ Gunju, 2017 minghajr raguni.

2. Xi xahar wara l-konvenuta kienet marret lura d-dar biex tiehu hwejjigha u reggghet telqet u l-attur ighid li qatt ma kien rega’ raha. Lanqas qatt ma kienet ikkomunikat mieghu u mat-tifla u dan kellu impatt negattiv fuqha ghax kellha hames snin.

3. Minn dakinhar l-attur ighid li hu jerfa’ l-piz finanzjarju wahdu kemm ghall-ispejjes ta’ edukazzjoni, sahha u ordinarji u jahdem kemm jista’ biex ighix u ighijex lit-tifla go hajja komda. Minn dakinhar li l-konvenuta abbandunathom, l-attur ighid li qatt ma kkontribwit ghall-manteniment tat-tifla minuri.

4. Bhala missier, l-attur jispjega li jghin lil bintu fl-ahjar mod possibbli, jattendi ghall-attivitajiet kollha tat-tifla u jsegwi mill-qrib l-edukazzjoni taghha u jiehu hsieb sahhitha. Ighid ukoll li jsib hafna ghajnuna mill-familjari tieghu.

5. L-attur jistqarr ukoll li minhabba li l-konvenuta abbandunathom u ma kienx jaf fejn kienet tinstab, ikollu jiffaccja problemi biex igedded il-passaport tal-minuri u kull darba jkollu jirrikorri l-qorti.

6. GB, missier l-attur jikkonferma dak kollu li xehed l-attur u jikkonferma li ibnu huwa missier ezemplari u jaghmel minn kollox ghaliha ghal dak li jirrigwarda l-edukazzjoni, is-sahha u attivitajiet extra-kurrikulari. Jikkonferma li hu gieli jghin lill-attur finanzjarjament.

7. HB, oht l-attur ikkonfermat l-istess fatti bhall-attur u missierha.

IKKUNSIDRAT

Il-konvenuta ma ressqitx provi f’din il-kawza u ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tillimita ruhha ghall-provi tal-attur, provi li juru li hu qed irabbi lil bintu minuri u jhallas ghall-ispejjes ordinarji, kif ukoll dawk relatati mas-sahha u edukazzjoni, wara li l-attrici abbandunathom. Ma ngabux provi ta’ x’introjtu ghandha l-konvenuta u lanqas dak tal-attur.

Jirrizulta mill-provi li l-attur qed igorr kull piz finanzjarju ghal dak li jirrigwarda lill-minuri u xi kultant ighinuh il-familjari. Il-konvenuta qatt ma kkontribwit ghall-manteniment ta’ bintha ghax qatghet kull kuntatt maghhom minn mindu il-minuri kellha hames snin.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u takkordalu l-kura u kustodja tal-minuri FB.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jkun hemm access ghall-konvenuta darba kull nhar ta' Sibt bejn id-9.00 am u l-4.00 pm.

3. Tilqa' t-tielet talba u tiffissa manteniment fis-somma ta' Mija u hamsin Euros (€150) fix-xahar, liema somma ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li l-manteniment ghandu jithallas permezz ta' *standing order* u tordna li tali manteniment ghall-minuri jibqa' jithallas sakemm l-istess minuri taghlaq l-eta' ta' tmintax-il (18) sena jew inkella tibda tahdem full-time (skond liema minnhom tigi l-ewwel) u f'kaz li l-minuri tkompli tistudja full-time wara li taghlaq l-eta' ta' tmintax-il (18) sena, sakemm taghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jew tikkonkludi l-istudju taghha (skond liema minnhom tigi l-ewwel).

5. Tilqa' l-hames talba.

6. Tilqa' s-sitt talba.

7. Tilqa' s-seba' talba.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati nterament mill-konvenuta.

**Onor. Imhallef Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**